MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 173/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Mary Scerri K.I. 343854(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta l-ħlas tas-somma ta' tliet mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€396.59) liema ammont huwa in konnessjoni mas- servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 50847841*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma ppreżentatx risposta iżda dehret għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-28 ta' April 2014.

Ra illi f'din is-seduta, il-konvenuta xehdet bil-ġurament fejn hija ammettiet it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' tliet mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€396.59).

Ra illi l-partijiet ftiehmu illi l-ammont dovut mill-konvenuta għandu jitħallas minnha lis-soċjeta` attriċi, b'pagamenti rateali ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, u li jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħha u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tliet mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€396.59), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar. Jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-imgħax legali jiddekorri mid-19 ta' Ottubru 2010 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, numerata 3643/10, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------